**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Novembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 278 / 15RGM

Kawza fil-lista: 21

**A B u C D**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**E D u**
**L-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan li b'digriet datat 6 ta' Mejju 2016 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti F D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur zmien ilu kellu relazzjoni ma' E D;

2. Illi minn relazzjoni li l-attur A B kellu mal-intimata E D, twieldet l-attrici l-ohra C D fit-8 ta' Dicembru 1978;

3. Illi ghalkemm r-rikorrenti C D hija l-wild naturali tal-attur A B, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija persuna gie registrat il-konvenut F D bhala l-missier naturali.

4. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-attrici C D, li ghandu numru ta' iskrizzjoni 201/1978.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li r-rikorrenti C D mhix il-wild naturali tal-konvenut F D.

2. Tiddikjara illi C D hija l-wild naturali tal-attur A B.

3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tar-rikorrenti C D li huwa iskritt bin-numru 201/1978 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-present jindika "F D" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti, u cioe isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skond kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi l-esponent jirrileva illi n-numru progressiv tal-Att tat-Twelid gie dikjarat b'mod inkorrett fir-rikors promotur ipprezentat mir-rikorrenti A B u C D. In-numru progressiv m'huwiex fil-fatt dak li hemm indikat fir-rikors promotur, miktub 201 tas-sena 1978. Izda huwa fil-fatt 201 tas-sena 1979, kif jidher mic-certifikat tal-Att tat-Twelid ipprezentat mir-rikorrenti;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost preliminarjarnent l-esponent jinileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita` tal-maggorenni C Brifta, l-esponent naturalment mhuwiex edott rnill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta'din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jipprovaw li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid ta' C D, l-intimata E D kienet wettqet adulterju mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jisa' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tal-intimata F Britlir bhala l-missier naturali tal-imsemmija C D, u dan ai termini tal-artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta' stat tal-maggorenni C D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieldet C D, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija C, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) iekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet t-tifla C D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita C D bin-numru progessiv 201 tas-sena 1979.

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi C D a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem F D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registazzjoni 201 tas-sena 1979;

9. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Christopher Chircop u lill-Prokuratur Legali Davinia Sullivan bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti F D.

Rat in-nota ta' Dr Marisa Cassar (fol 25) b'affidavit u rapport annessi li jikkonfermaw li A B hu l-missier naturali ta' C D.
Rat in-nota tal-attrici C D (Fol 31) li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat ukoll in-nota tal-attrici tal-25 ta' Ottubru 2016 li permezz taghha pprezentat il-konnotati taghha.

Rat u ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-attrici C D mhix il-wild naturali tal-konvenut F D, izda hija l-wild naturali tal-attur A B.

L-Artiklu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*'Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:*

*(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma'martu minħabba f'li kien bogħod minnha jewminħabba f'xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.'*

L-Artiklu 77A tal-istess Kap jipprovdi:

*'Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel.'*

Necessarju ghalhekk, anke fid-dawl tal-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat, illi jigi ezaminat ukoll l-artikolu 81 citat fl-imsemmija artikoli. Dan jipprovdi:

*'(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.'*

Peress li l-artikolu 77 u 77A huma subordinati ghall-artikolu 81, isegwi illi jekk l-att tat-twelid juri li tifel jew tifla huwa imnissla jew imwielda matul iz-zwieg u ghandhom il-pussess ta' stat ta' tifel jew tifla imnissla jew imwielda matul iz-zwieg, allura hadd, lanqas l-istess tifel jew tifla, ma jistghu jadixxu lill-Qorti u jitolbu dikjazzjoni gudizzjarja li huma wild missier differenti mir-ragel ta' ommhom. Meta jikkonkorru l-elementi kontemplati fl-artikolu 81, il-ligi nostrana taghti valur notevoli lill-pussess ta' stat ta' wild imwieled minn koppja mizzewga.

L-Artikolu 80 tal-Kap 16 intitolat 'L-istat ta' iben legittimu' huwa maghmul minn gabra ta' fatti u jipprovdi illi:-

*(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*
*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.*

**Provi**

L-attrici C D xehdet bil-mezz tal-affidavit[1] u qalet:

*'Illi jien nigi bint E D nee' Vella.*

*Illi ommi kienet izzewget lil certu wiehed F D hafna zmien ilu, ferm qabel ma twelidt jien.*

*Illi F D kien jghix l-Awstralja u hu ghadu jaghmel dan sal-gurnata ta' Hum.*

1 Fol 32

*Illi nghid li ommi u F D kienu ggieldu, u filwaqt li ommi tghix Malta, F D baqa jghix l-Awstralja.*

*Illi meta ommi nizlet lura Malta minn wara btala mill-Awstralja ma' F, hi kellha relazzjoni intima ma' certu A B, mill-liema relazzjoni twelidt jien. Jien twelidt nhar it -8 ta' Dicembru 1978.*

*Jien lil F D nafu biss minn wiccu minhabba li jien qatt ma ghext mieghu jew qattajt hin mieghu. L-unika raguni il-ghaliex hu qieghed imnizzel bhala missieri fic-certifikat tat-twelid tieghi hu biss minhabba l-fatt li ommi u F isseparaw legalment fl-assenza tieghu snin wara li twelidt jien u cioe permezz ta' sentenza datata 15 ta' Frar 1995 hawn annessa u mmarkata bhala Dok CB1.*

*Nghid illi jien dejjem bqajt imnizzla fuq kunjom F D u kien biss wara li jien urejt interess biex insib lill-missier naturali tieghi li F D kien ghamel kuntatt ma' ommi u mill-Awstralja talabha sabiex jaghmel kuntatt mieghi.*

*Illi permezz ta' telefonata F D kien talabni sabiex issa la darba sibt lil missier naturali tieghi jien m' ghandiex nibqa ingorr kunjomu.*

*Illi jien u A B konna qbilna sabiex naghmlu t-testijiet neccessarji tad-DNA li minnhom rrizulta ampjament li dan ta' l-ahhar kien missieri (kopja hawn annessa u mmarkata Dok CB2). Ghaldaqstant jien nixtieq li c-certifikat tat-twelid tieghi jirifletti r-realta."*

L-aqwa prova f'kawzi ta' din ix-xorta huwa t-test tad-DNA. Dr Marisa Cassar fil-kwalita' taghha ta' esperta in materja kkonduciet it-testijiet tad-DNA u ccertifikat li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-attrici C D.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li tali eccezzjoni hija fondata, mill-atti jirrizulta li tali nuqqas ma rreka ebda pregudizzju.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi n-numru progressiv tal-Att tat-Twelid gie dikjarat b'mod inkorrett fir-rikors promotur stante li ma huwiex il-201 tas-sena 1978 izda n-numru 201 tas-sena 1979. Filwaqt illi dan huwa minnu, l-Qorti tinnota li l-atturi mar-rikors promotur taghhom ipprezentaw kopja tal-imsemmi certifikat li juri d-dettalji korretti u ghalhekk din il-kwistjoni qed tigi sorvolata.

Rigward il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, gie sodisfacentement ippruvat mix-xhieda tal-attrici C D illi hija m'ghandhiex pussess ta' stat bhala bint il-konvenut F D. Ghaldaqstant hija ghandha d-dritt illi tressaq it-talbiet taghha.

Fid-dawl tar-rizultanzi processwali, b'mod partikolari r-rizultati tat-testijiet genetici li ma jhallu ebda dubju dwar il-paternita` tal-attrici, gew sodisfacentement ippruvati l-kawzali mressqa fir-rikors guramentat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-attrici C D mhix il-wild naturali tal-konvenut F D.

2. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara illi l-attrici C D hija l-wild naturali tal-attur A B.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tar-rikorrenti C D li huwa iskritt bin-numru 201/1979 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "F D", jigu kancellati l-isem u l-kunjom "F D" u l-konnotati kollha tieghu filwaqt li jigu inseriti l-l-isem, kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B, u jigu kkancellati l-kelmiet 'the said' senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm.

4. Taghti lill-atturi gimgha zmien millum sabiex b'nota guramentata li tigi pprezentata f'dawn l-atti u notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jindikaw id-dettalji kollha mitluba fis-sitt paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur, kif ukoll b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi C D.

Bl-ispejjez kontra l-atturi in solidum bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**